## Kelmtejn qabel minn Renzo Camilleri Manduca

***Taqbiżhomx kif jagħmel kulħadd,***
***għax inkella ma niftehmux!***

*"Il-mara ta' dari kienet mara miġbura, mansweta u umli. Jekk xebba, araha ħsiebha biss f'ommha, f'missierha u f'ħutha, tħawtel u tagħnet biex iżżomm l-għaqda u s-sliem ġo darha; u jekk miżżewġa, araha qalbha tbaqbaq bl-imħabba lejn uliedha u żewġha, u taħdem mis-sebħ sad-dlam biex isservihom, iżżommhom hienja u tara li xejn ma jkun li jonqoshom!"*

*M.G. Abela – Mogħdija taż-Żmien, 1903*

M'hemmx gidba akbar minn din … eħxen minn ċima ta' tanker. Iżda jekk inti temminha, ma nagħtikx tort. Kien hemm żmien meta jiena wkoll kont naħseb hekk.

Imma dak kien qabel ma ġie f'idejja l-manuskritt tan-nanna Ġenoveffa. Ma rridx ngħid li n-nanna ma kinitx tħobb lil żewġha u lil uliedha, imma xejn ma jidher li kienet mansweta u li kien moħħha *biss* li sservi lill-familja. Nittama li meta taqraw il-manuskritt tagħha, taslu biex tagħtuni raġun.

In-nanna tilfet lil ommha meta kellha biss sena u nofs. Missierha, il-bużnannu Attilio Manduca, li mid-dehra kien mgħaddas s'għonqu fin-negozju tad-drappijiet u fil-qari tar-rumanzi tal-faxxikli, ma setax irabbi waħdu lil din bintu għadha tarbija, u għalhekk minnufih talab l-għajnuna ta' oħtu Fawstina, xebba ta' xi 40 sena, li jew ħtija ta' kruhitha jew tal-iskrupli enormi li kellha, kienet għadha verġni aktar minn Maria Goretti. Hekk, ġara li Fawstina telqet darha u ħajjitha, marret tgħix ma' ħuha Attilio u waqt li baqgħet tgħożż il-ġilju sa mewtha, saret l-omm adottiva tan-nanna Ġenoveffa. Attilio baqa' ma reġax iżżewweġ (għalkemm skont missieri, kien minn sodda dieħel u oħra ħiereġ). Lil bintu bagħatha l-iskola tas-sorijiet ta' Tas-Sliema, li ma kinitx ilha wisq li fetħet, u hemmhekk Ġenoveffa tgħallmet l-Ingliż, it-Taljan u l-Franċiż, l-Aritmetika, l-Istorja u l-Ġeografija, waqt li tgħallmet ukoll kif is-sorijiet jobogħdu 'l xulxin u jikkonfoffaw waħda kontra l-oħra, u tgħallmet il-fatti kollha tal-ħajja bl-għeruq u x-xniexel.

Skont ma kien jgħid missieri, meta l-bużnannu Attilio sar jaf li bintu qed tiltaqa' baxx baxx ma' Zanzu ta' Pietru tal-Landier, kien qajjem infern sħiħ. Mhux biss għax hi kien għad kellha 17-il sena waqt li hu kellu 31; mhux biss għax huma kienu tal-flus waqt li Zanzu kien biċċa karpintier it-Tarzna u jagħmilha ta' wejter u ta' kulma jiġi għal idejh; mhux biss għax waħda minn ħutu kienet seftura mal-Ingliżi; imma fuq kollox, l-akbar oġġezzjoni tiegħu kien Kalċidon, in-nannu ta' Zanzu, li għalkemm kien ilu aktar minn 20 sena mejjet, kien għadu magħruf mar-raħal bħala l-akbar sakranazz li qatt rat id-dinja … dak li kien kisser ras il-kelb fl-istatwa ta' Santu Rokku tal-pjazza, tajjar il-beritta tas-Surġent Demicoli lejlet il-festa ta' Santa Marija u li kien jaf jiġbed nifsijiet twal 'il ġewwa, iross żaqqu u jbosslok kemm-il bassa tikkommissjonalu. Imma Ġenoveffa ma riditx tisma'. Lil Zanzu riditu bl-art u l-baħar. Meta sa fl-aħħar missierha heddidha li jaqfilha mas-sorijiet, kif kien jiġri fir-rumanzi gotiċi li kien jaqra, Ġenoveffa ssakkret fuq il-bejt, telgħet fuq it-turretta u waqt li ġabret nofs in-nies tar-raħal, iddikjarat li jekk missierha ma jħallihiex tiżżewweġ lil Zanzu tal-Landier, kienet se taqbeż minn hemm fuq għal isfel, tmur tingħaqad m'ommha … u kif tkun hemm tagħtiha l-lista ta' kemm nisa kien qed jitbahrad magħhom missierha.

Fawstina ntelqet għal mejta u kellhom jerfgħuha u jġorruha għand it-tabib Cacciottolo; u Attilio, meta beda jisma' lil bintu xxandar minn fuq it-turretta l-ismijiet tal-maħbubin kollha tiegħu, kiser żewġ swaba' bid-daqqa ta' ponn li ta fuq il-bieb tal-bejt … u baxxa rasu. Iżda Ġenoveffa ma niżlitx minn hemm fuq qabel ma missierha ġab lin-nutar Mamo u quddiemu u quddiem dik il-folla kollha, ħalef li jċedi għat-talbiet kollha ta' bintu.

U hekk ittajret il-ħamiema bil-fergħa taż-żebbuġ f'munqarha u bdiet l-għerusija.

Wara li tah l-attakk tal-puplesija, missieri, it-Tabib Attilio Camilleri Manduca, inbidel mil-lejl għan-nhar. Żammitlu idu x-xellugija, ħalqu tgħawweġ u kliemu tħawwad aktar minn ta' tarbija ta' sena. Iżda wara ftit xhur bdejt ninnota li jekk inkunu waħidna, jien u hu biss, kien jagħmel sforz u jipprova jsensel frażi jew tnejn.

"Inxi," qalli lejla waħda, hekk kif qam bil-lajma minn fuq il-pultruna u telaq jimbotta l-ħadida u jfekren.

Mexxieni lejn l-istudju tiegħu, waqaf quddiem il-librerija u waqt li pponta sebgħu lejn wieħed mill-kxaxen fir-ringiela ta' taħt, qalli:

"Iffħu … fij-qiegħ nett … mass kajti!"

Domt inqalleb mhux ħażin, għax mhux mazz

karti wieħed biss kien hemm.

"Dak … dak!" qalli hekk kif idejja waqgħu fuq pakkett karti marbutin b'qafla u ssiġillati b'ħafna tejp imqarqaċ.

"Ħudu," qalli. "Taqjahx! Aħajqu! Aħajqu!"

U reġa' telaq jimbotta l-ħadida, biex mar jinxteħet fuq il-pultruna fejn qatta' l-aħħar tliet snin ta' ħajtu.

U hekk ġie f'idejja l-famuż manuskritt tan-nanna Ġenoveffa, li ħtija tiegħu ksirt sfaċċatament l-aħħar żewġ ordnijiet ta' missieri. Lanqas ilħaqt wasalt id-dar li ma ċarratx it-tejp u l-qfieli u nxtħitt naqrah. Kien miktub bil-Malti … *cocktail* tal-alfabett ta' Annibale Preca, tax-Xirka u tal-Accademia Filologica. Barra minn hekk il-kaligrafija tan-nanna xejn ma kienet tixhed edukazzjoni sofistikata fi skola tas-sorijiet. Għalkemm mill-ġrajjiet li jissemmew jidher ċar li dan il-manuskritt in-nanna kitbitu meta kienet fuq l-għatba tax-xjuħija, moħħha kien għadu ċar kristall u l-ħġejjeġ taż-żgħożija kienu għadhom jikwu taħt il-ġamar. Għall-ewwel ma stajtx nagħraf kelma. Stħajjiltni qed nipprova niddeċifra skrizzjoni Punika. Imma bil-mod il-mod għajnejja bdew joqogħdu. Bdejt nagħraf kif in-nanna, minflok *għannaqni* kienet tikteb *hannachni* u ħsiebha biss biex kull kelma b'vokali mkarkra tpoġġilha l-*għ*.

Iżda meta temmejt naqra l-aħħar paġna waqgħu ċomb f'moħħi salt mistoqsijiet. L-għala missieri kien baqa' jżomm dak il-manuskritt moħbi għandu? L-għala ma qabadx u ħarqu hu stess meta kien għadu f'saħħtu? Tgħid fil-qalba ta' qalbu kien iħossu kburi li ommu kienet daqshekk fuq ruħha, imżejna bi spirtu ħieles, u li kienet iġġib ruħha differenti għalkollox min-nisa ta' żmienha? U forsi … ma nafx … tgħid jien ukoll kont qed inħossni bħalu?

U hekk hu, għażiż qarrej, se nerħi f'idejk dan il-manuskritt notorju tan-nanna Ġenoveffa, wara li ktibtu mill-ġdid, irqamtu u mmodernizzajtu biex jinftiehem aħjar. Naf li xi drabi kelli bilfors nieħu l-liġi f'idejja u bħal qisni nisraq il-vuċi tan-nanna biex inqiegħed minflokha dik tiegħi. Imma dan għamiltu bil-għan li nippreżenta b'mod aktar koerenti, dawk il-ħafna passaġġi miktubin bi stil pedantiku u mġebbed li żgur kienu jdejquk. Nittama li missieri jaħfirli talli dik il-kitba li huwa ħeba għal tant snin, jiena qed inxandarha mal-erbat irjieħ, l-istess bħalma n-nanna xandret minn fuq it-turretta l-maħbubin ta' missierha. Imma jiena ċert li kull min jiddeċiedi li jikteb ġrajjietu, jiktibhom biss bil-għan li xi darba jixxandru.

Persważ li n-nanna Ġenoveffa qed titbissem.

# 1. Iz-Zija

Iz-zija tqandel il-ktieli tal-misħun. Iz-zija timla l-banju. Iz-zija taħsilni. Iz-zija tgħidli rross iċ-ċarruta ma' wiċċi biex hi u togħrokli xagħri ma jidħollix sapun f'għajnejja. Iz-zija tkebbibni ġo xugaman kbir ikaxkar mal-art. Iz-zija tlibbisni par kalzetti bojod. Iz-zija tomxotli xagħri. Tfuliti kollha kienet iddur ċirku tond madwar iz-zija Fawstina.

Minn xi kelma 'l hawn u kelma 'l hemm li z-zija kienet tiżolqilha, stajt nibni stampa ta' dak li ġara wara l-mewt t'ommi. Ħallietni ta' sena u seba' xhur. In-nannu Emilio u n-nanna Luċija, il-ġenituri tal-papà, kienu talbuh jinġabar magħhom biex flimkien maz-zija Fawstina jkunu jistgħu jieħdu ħsiebi u ħsiebu. Imma wara l-mewt hekk bikrija ta' martu, il-papà ma kienx f'kundizzjoni li jieħu deċiżjonijiet bħal dawn. Jgħidu li kellu qalbu marbuta wisq ma' dik id-dar ġdida li kien għadu kemm bena, li kull dettall tagħha kien tfassal skont ix-xewqa tal-għażiża martu. Ma ried bl-ebda mod jiċċaqlaq minn taħt dak

is-saqaf. Anzi beda jippretendi li n-nannu u n-nanna jiġu joqogħdu miegħu, ġo dar bil-bosta isbaħ minn tagħhom u wisq aktar moderna. Imma n-nannu Emilio ma riedx jaf. Mid-dehra kellu ras taż-żonqor eħrex mill-papà. Ħadd minnhom ma ried iċedi. Sa fl-aħħar iz-zija Fawstina daħlet fin-nofs biex issalva s-sitwazzjoni u offriet li tmur tgħix għalkollox ma' ħuha Attilio biex teħodlu ħsieb id-dar u trabbilu lil bintu. Iżda għan-nannu Emilio din ma kinitx soluzzjoni, anzi deherlu li kienet ingratitudni kbira, li din bintu xebba, minflok tibqa' tgħix magħhom biex iddur bihom meta saħħithom tmajna, kienet se tabbandunahom biex iċċedi għar-ras iebsa ta' ħuha. Jiena aktar naħseb li z-zija Fawstina kienet ħatfet l-opportunità biex teħles minn missierha, li skont iz-ziju Ernestu, kien bniedem biżbetku, imnieħru mxammar u jippretendi li kulħadd ibaxxi rasu għal kelmtu. Meta miet, jiena kelli xi erba' snin u m'għandi l-ebda memorja tiegħu. Wara mewtu, in-nanna Luċija nġabret ma' oħtha Ħal Balzan u konna mmorru nżuruha biss fil-Milied u f'xi okkażjoni speċjali.

In-nanniet min-naħa t'ommi kienu jgħixu Tuneż. Iz-zija tgħid li kienu ġew Malta darba biss, ftit xhur wara l-mewt t'ommi, u jien la qatt rajthom u lanqas smajt aktar bihom. Iżda meta kelli disa' snin kien ġie jarana binhom, iz-ziju Ferdinand. Kien ġabli

kaxxa lakumja u pupa taċ-ċarruta kważi fiha daqsi … iżda fuq kollox kien ġab miegħu lil ibnu Eugène, li kien xi sentejn akbar minni. Kienu għamlu ġimgħa joqogħdu għandna u minn dakinhar bdew l-avventuri amorużi tiegħi, li dwarhom fiħsiebi nitkellem f'dawn il-paġni.